MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2009

Numru. 296/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**-vs-**

**Abuhajar Abduallah Nury A**

Kumpilazzjoni numru: 296/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abuhajar Abdullah Nury A, ta’ 27 sena, bin Nuri Abdullah u Salina Nee’ El Sherif, imwieled Tripoli, il-Libya, fit-23 ta’ Novembru, 1981 u joqghod fil-fond Numru 8, Kwartier San Nikola, Bormla jew Flat 3, Blokk Y4, Triq id-Daqfien, Qormi u detentur ta’ karta tal-identita b’numru 35374A.

Akkuzat talli fit-22 ta’ Gunju, 2006 ghall-habta tad-9:15a.m u fil-jiem ta’ qabel, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-

Furjana, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innfisu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi Awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz skond l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u post, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna/i akkuzat lil dik/dawk il-persuna/i quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li dik il-persuna/i hija/huma innocenti skond l-artikolu 101(1).

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 101(1) u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjetement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-ammissjoni ta'l-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 101(1) u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------